MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2001

Avviz Numru. 1223/2000/1

**Avviz Nru:- 1223/00**

**Dolceria Percius Limited**

**vs**

**Crispin Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ disa’ mija u tmienja u sittin liri Maltin, u tletin centezmu (Lm968.30), rapprezentanti ‘catering’ ta’ tieg go Villa Madama, Balzan fil-15 ta’ April tal-2000.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-5 ta’ Lulju 2000 u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi d-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi, is-somma mitluba ta’ disa’ mija, tmienja u sittin lira maltin u tletin centezmu (Lm968.30) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz u bl-imghax legali b’effett mis-7 ta’ Settembru 2000, u;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------